# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 215/2019 RM**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**John Pace**
[K.I. 369183M]

**Illum 7 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ai termini ta' Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezentat nhar it-3 ta' Ottubru 2019 fejn gie premess:-

1. Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) l-esponenti prezenta ittra ufficjali ai termini ta' Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz taghha huwa talab minghand l-intimat hlas relatat ma' attendenza ta' ufficjali tad-Dwana. Kopja ta' din l-ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';

2. Illi din l-ittra ufficjali ma kinetx kontesta u ghalhekk ghandha l-effett ta' gudikat ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-attur pprezenta il-mandat odjern liema mandat gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002);

4. Illi permezz ta' cedola ta' depozitu prezentata mill-bank sekwestrarju Bank of Valletta, pprezentata fil-himstax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-sekwestrarju iddepozita s-somma ta' hames mija u sitta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (546.96) taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti. Kopja ta' din ic-cedola hija mmarkata bhala Dok Dok 'B';

5. Illi l-esponenti jikkonferma li dan id-dejn ghadu dovut mill-intimat;

6. Illi peress li l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta harget aktar minn ghaxar (10) snin ilu, l-esponenti qieghed jaghmel talba ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-titolu esekuttiv ottenet permezz tal-ittra datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu elfejn u wiehed (2001) jitmexxa ghall-esekuzzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna t-tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) ai termini tal-Artikolu 466, li kienet diga` giet reza titolu esekuttiv, imma li minn dakinhar ghaddew aktar minn ghaxar snin.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Ottubru 2019 fejn ordnat *inter alia* illi r-Rikors tal-Kontrollur tad-Dwana jigi konfermat bil-gurament, u jigi notifikat lill-intimat li nghata zmien ghaxart (10) ijiem biex iwiegeb;

Rat illi r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-7 ta' Novembru 2019;

Rat illi l-intimat John Pace, debitament notifikat bir-Rikors promotur fit-3 ta' Dicembru 2019[1] baqa' ma wegibx fiz-zmien lilu koncess u lanqas deher sabiex jikkontesta t-talba tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi din hija talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' att gudizzjarju u dikjarazzjoni guramentata anness mieghu, ipprezentat mill-Kontrollur tad-Dwana a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-26 ta' Marzu 2001[2].

Illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 jistipolaw illi:-

***466.*** *(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*

….

[1] Ara referta a fol. 10 *tergo*.

[2] U mhux fis-27 ta' Marzu 2001 kif erronjament indikat fir-Rikors promotur. Dan huwa evidenti mill-atti annessi mar-Rikors promotur.

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

Illi mill-atti jirrizulta illi fis-26 ta' Marzu 2001[3] il-Kontrollur tad-Dwana kien ipprezenta fil-konfront tal-intimat John Pace att gudizzjarju b'dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu, ghall-hlas tas-somma ta' Lm234.81 (illum ekwivalenti ghas-somma ta' €546.96) ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, liema att[4] jidher li gie notifikat lill-istess intimat fit-30 ta' Marzu 2001.

Illi fil-kaz *de quo*, billi ma jirrizultax mill-provi fl-atti illi l-intimat ipprezenta r-rikors imsemmi fis-subinciz (2) tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 entro t-terminu stipolat biex jopponi ghat-talba ghall-hlas, il-Qorti hija sodisfatta d-dikjarazzjoni guramentata tas-26 ta' Marzu 2001 annessa mal-att gudizzjarju tal-istess data, kisbet l-effett ta' gudikat tal-Qorti u konsgewentement setghet tigi ezegwita daqslikieku kienet sentenza moghtija mill-Qorti komptetendi.

Dan ifisser illi r-rikorrent ottjena titolu ezekuttiv ghall-hlas tal-ammont dikjarat fl-att gudizzjarju tas-26 ta' Marzu 2001, liema titolu seta' jigi ezegwit skont kif prospettat fl-Artikolu 256 tal-Kap. 12, li jipprovdi illi:-

**256**(1) *Kull sentenza oħra definittiva illi ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur għal ħlas ta' somma likwida, jew biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara jumejn minn dak in-nhar li tingħata.*

Ikkunsidrat;

[3] U mhux fl-24 ta' Frar 2011 kif erronjament indikat fir-Rikors promotur.
[4] Kopja informali tal-ittra ufficjali giet annessa mar-Rikors promotur, a fol. 2.

Illi madanakollu, l-Artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 jistipola illi wara:-

*l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit;*

...

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Illi peress illi b'effett tal-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12, l-att gudizzjarju bid-dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu, debitament notifikat, jikseb istess effett daqslikieku kien gudikat tal-qorti kompetenti, isegwi illi t-titolu ezekuttiv ottjenut mir-rikorrent kellu jigi ezegwit entro ghaxar snin mid-data li fiha saret esegwibbli.

Fil-kaz odjern, irrizulta abbondantement mill-atti li ghaddew ferm iktar mill-ghaxar (10) snin imsemmijin fl-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 mid-data meta seta' jigi ezegwit it-titolu ezekuttiv ottjenut mir-rikorrent, u dan minghajr qatt ma gie effettivament ezegwit fil-konfront tal-intimat[5].

Mill-atti jirrizulta ulterjorment illi r-rekwiziti tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 sabiex ir-rikorrent imexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnu miksub bid-dikjarazzjoni guramentata u l-att gudizzjarju datati 26 ta' Marzu 2001, jinsabu lkoll sodisfatti u dan billi evidentement:-

- it-talba saret quddiem il-Qorti kompetenti;
- il-kontenut tar-rikors gie debitament konfermat bil-gurament tar-rikorrenti fl-20 ta' Novembru 2019;

[5] Ir-Rikors promotur gie pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2019.

- gie kkonfermat ukoll bil-gurament ix-xorta tad-dejn, cioe` "*hlas relatat ma' attendenza ta' ufficjali tad-Dwana*"; u
- id-dejn ghadu dovut minghand l-intimat.

Dan stabbilit, il-Qorti tqis li ma hemm ebda impediment sabiex hija tilqa' t-talba tal-istess rikorrent sabiex ikun awtorizzat imexxi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnu miksub permezz tal-att gudizzjarju u d-dikjarazzjoni mahlufa annesa mieghu, ipprezentati fil-konfront tal-intimat fis-26 ta' Marzu 2001[6] a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 256 u 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tilqa' t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana billi tawtorizza lill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex imexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fl-konfront tal-intimat John Pace permezz tal-att gudizzjarju u d-dikjarazzjoni mahlufa annessa mieghu, datati 26 ta' Marzu 2001 u pprezentati a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, bl-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[6] U mhux fis-27 ta' Marzu 2001 kif indikat fir-Rikors promotur.